# Innu solenni lil Ġesù Salvatur (V)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-aħħar artiklu fis-serje ta’ kitbiet dwar l-Innu Solenni lil Ġesù Salvatur ta’ Mro. Antonio Miruzzi, li dis-sena nzerta għeluq il-75 minn mewtu, konna ħallejna f’idejn it-Tieni Ittra ta’ San Pietru li hemm f’Kapitlu 1, 16-18 biex insiru nafu aktar dwar it-Trasfigurazzjoni. Fl-istess artiklu tkellimna wkoll fuq l-għajna tant sabiħa li titkanta mill-Kor tat-Tfal, f’temp immarkat dejjem *Allegretto*, fi tliet bnadi differenti tal-Innu Solenni. F’dal-ħames u l-aħħar artiklu tiegħi li jitratta l-mużika tal-Innu, nixtieq nitkellem fuq tliet passaġġi partikolari li għadhom ma ġewx analizzati: l-Introduzzjoni (*Maestoso*), u l-passaġġ pjuttost twil li jiġi eżatt warajha, u li fih nibdew naraw deħlin xi vuċijiet fi stil reċitattiv, u l-passaġġ l-ieħor qasir, immarkat *Andante*, fejn jidħlu jkantaw t-Tenur u l-Baxx. Fl-istess ktieb tal-festa ta’ dis-sena għandkom issibu wkoll artiklu ieħor minn tiegħi li jittratta d-data tal-mewt ta’ dal-kompożitur prolifiku Malti li ħallielna tant u tant mużika sabiħa, kemm dik bandistika, kif ukoll orkestrali, fi stil aktarx sagru. Inħeġġiġkom biex taqrawh ukoll.

Kliem muftieħ: Mro Antonio Miruzzi, Innu solenni lil Ġesù Salvatur (Lija), University of Malta ‘Ġ.F. Abela’ Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ’ (Bormla), Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’ (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika ‘La Vincitrice’ (Isla), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali ‘Nicolò Isouard’ (Mosta), Soċjetà Filarmonika ‘Santa Marija’ (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun)

| Numru | Ittra | Battuti | Temp | Tonalità | Espressjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| 1 | | 001-028 | $^4/_4$ | Mi*b* Maġġuri | *Maestoso* |
| | A | 029-047 | | | |
| 2 | B | 048-064 | $^4/_4$ | | |
| | C | 065-088 | | | |
| | D | 089-108 | | | |
| 3 | H | 170-181 | $^3/_4$ | Fa Maġġuri | *Andante* |



‘Dan hu Ibni l-maħbub li bih nitgħaxxaq; lilu isimgħu.' Dehra ta' Ġesù trasfigurat, flimkien ma’ Mosè u Elija (Angus BcBride (Bible Stories: 1981)

T’hawn fuq hi tabella żgħira tat-tliet passaġġi li se nitkellmu fuqhom, bl-itwal tnejn ikunu (1), mill-ewwel sa battuta 47, u li jinkludu ittra A; u (2), mill-48 sal-108 battuta, li jinkludu ittri tal-provi minn B sa D. It-tielet, u l-iqsar passaġġ, jinkludi biss 12-il battuta, minn 170 sa 181, indikat bl-ittra H. L-ewwel 28 battuta u ittra A (029-047) huma strumentali, fejn il-banda tidħol iddoqq weħidha mingħajr kant ta xejn. Minn dal-battuti introduttorji nistgħu niksbu n-nomenklatura sħiħa tal-istrumenti li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f’dal-innu; għad li l-istrumentazzjoni hi l-waħda moderna, u żgur li mhix l-istess waħda li fiha oriġinarjament inkitbet, u li aktarx kienet tinkludi l-kuntrabaxx, u xi strumenti oħra li nqatgħu minn mal-baned wara l-Gwerra.

F’passaġġ nru 2, li fih innifsu jerġa’ jinqasam fi tliet taqsimiet iżgħar, immarkati B,Ċ u D, xi vuċijiet jibdew deħlin ftit ftit waħda

wara l-oħra fi stil reċitattiv, bl-ewwel waħda tkun dik tal-Baxx (b. 050-4), u warajh eżatt, dik tal-kor tat-tfal fl-unisonu (b. 056-64). Il-Baxx jerġa' jidħol f'taqsima Ċ b'passaġġ kważi reċitattiv (b. 065-72). L-istess vuċi terġa' tidħol biss f'ittra D, f'battuti 089-90 u 093-4, b'reċitattiv ferm qsajjar, segwit mill-kor tat-tfal (b. 097-105), bl-istess passaġġ fl-unisonu li kellna f'battuti (056-64). Dal-passaġġi żgħar li semmejna, fejn jidħlu l-vuċijiet tal-Baxx u l-kor tat-tfal, qed ngħoddhom bħala reċitattivi għar-raġuni, li dawn aktar joqorbu lejn it-taħdit milli l-kant, u li fl-interpretazzjoni tagħhom tingħata ċerta libertà f'dak li hu ritmu u temp. Dal-istil ta' kant insibuh ħafna fl-opri, oratorji, u xogħlijiet oħra vokali, qabel il-kant ta' xi arja sabiħa li tkun ġejja. Jista' jintuża wkoll biex bih jintiseġ djalogu bejn il-vuċijiet, bħalma għandna fil-każ t'hawnhekk bejn il-Baxx u l-kor tat-tfal.

Kif se naraw, fit-tielet passaġġ żgħir li għandna quddiemna, immarkat bl-ittra H (b. 170-181), it-Tenur u l-Baxx jaqsmu l-melodija bejniethom f'sens antifonali, fejn tal-ewwel jiġi mwieġeb mill-ewwel mit-tieni wieħed. F'dal-passaġġ naraw ukoll bidla, kemm fit-tonalità, kif ukoll fit-temp (*Andante*) bl-għan li jikkuntrasta mal-oħrajn ta' madwaru. Infatti, jekk wieħed jinnota, isib li warajh eżatt jidħol għall-ewwel darba l-kor tat-tfal bl-għanja ewlenija tiegħu (I-J: b. 182-233). Dan ifisser li, il-passaġġ li qegħdin nitkellmu fuqu qed hemm biex iservi biss t'introduzzjoni għall-passaġġ twil li jiġi eżatt warajh, immarkat *Allegretto* u f'temp ta' $^{2}/_{4}$. Għal dal-għan, passaġġ nru 3 jista' jitqies bħala wieħed episodiku, fejn mużikalment hu wieħed inferjuri fir-rwol tiegħu.

L-ewwel passaġġ: L-introduzzjoni fiha żewġ taqsimiet – fit-tieni parti, il-mużika ma tibqax waħda atmosferika, imma tintroduċi t-tema tagħha bħalma nsibu f'xi overtura operistika. Din tiftaħ bil-kjavi ta' Mi*b* Maġġuri, tonalità komda u ferm addatta għall-istrumenti tal-banda, u f'temp maestuż ta' erba' taħbitiet il-battuta. Kif se naraw, kull waħda miż-żewġ taqsimiet fl-istess introduzzjoni, tista' terġa' tinqasam f'oħrajn iqsar: (a) = b. 001-8 u (b) = b. 009-$028^{3}$; Ittra A: (ċ) = b. $028^{4}$-$36^{3}$ u (d) b. $036^{4}$-44, filwaqt li b. 045-47 jiffurmaw il-*codetta,* jew koda qsajra, li permezz tagħha l-introduzzjoni tiġi fi tmiemha.

Taqsima (a): Il-mużika tal-innu tiftaħ b'erba' battuti li fihom il-banda kollha iddoqq *fortissimo* fl-unisonu, u fejn il-passaġġ hu kromatiku għall-aħħar minħabba l-preżenza tad-Do*b,* is-Sol*b* u l-La naturali, li bejniethom joħolqu l-akkordju tas-Sesta Taljana, li min-naħa tagħha tirsolvi ruħha f'ta' warajh, b'dan tal-aħħar ikun imsieħeb b'roll qawwi fuq il-katuba u t-tliet kolpi tal-qniepen (Si*b*-Fa-Si*b*). Fit-tieni nofs ta' dil-ewwel sentenza, ikompli jdoqq ir-ram waħdu, dejjem akkumpanjat mir-rollijiet, did-darba tat-tanbur (Eż. 1):

Eż. 1




F'Taqsima (b) għandna bħal speċi ta' passaġġ tematiku f'b. 009-$020^{2}$, ferm melodjuż u delikat (immarkat *piano*), li jindaqq mill-klarinetti primi, u akkumpanjati minn sħabhom is-sekondi u t-terzi; is-sassofoni alti u baritni, korni, althorns primi u ewfonji primi jżommu noti twal, u bil-baxxi jimxu magħhom bis-semiminimi semistakkati ottava taħthom. F'nofs triq, jingħaqdu magħhom il-kurunetti primi, flimkien mal-flawt fl-unisonu, u wara, għal darb'oħra l-mużika terġa' tinżel *piano,* bil-klarinetti jinsġu linja kromatika fir-reġistru t'isfel, akkumpanjati minn nota twila baxxa min-naħa tar-ram. Dil-ewwel parti tal-introduzzjoni tagħlaq b'fanfarra żgħira (b. 026-$28^{3}$), li tagħti għal fuq it-tieni parti tagħha (Eż. 2):

Ez. 2



Taqsimiet (ċ) u (d) jaqgħu t-tnejn taħt l-ittra A, li bejniethom jgħaqqdu sentenza waħda ta’ 16-il battuta, li kif għidna, tagħlaq b’*codetta*. Il-melodija prinċipali hi fuq l-istrumenti tal-qasba, bil-flawt, il-kwartin, u s-sassofoni alti b’kollox. Magħhom jingħaqdu wkoll is-sossofonu baritnu u l-althorns primi ottava taħthom. Fit-tieni parti tas-sentenza wkoll, jingħaqdu magħhom il-kurunetti primi. Il-bqija tar-ram kollu, xogħlu jakkumpanja dil-melodija b’akkordji sempliċi u xejn iffullati, u ritmu li jfakkrek f’xi arja minn t’opra. Magħhom jingħaqdu wkoll il-qniepen bit-tokki tagħhom, li jirrendu’l dal-passaġġ aktar imlewwen minn qatt qabel. Il-kodetta tinkludi noti twal (minimi) min-naħa ta’ dawk kollha involuti, u roll kontinwu fuq it-tanbur u l-katuba. L-introduzzjoni tagħlaq b’semibreve, b’kuruna fuqha twila fuqha (Eż. 3):

Ez. 3



It-tieni passaġġ: Kif ġa għidna, fih insibu tliet taqsimiet: B = b. 048-064; C = b. 065-088; D = b. 089-108, b’dak tan-nofs l-itwal wieħed fosthom. B tinqasam eżatt min-nofs, bl-ewwel parti tinvolvi l-banda sħiħa, mingħajr il-baxxi, f’żewġ arpeġġi separati fl-assjem, li jindaqqu bil-qawwi, u mbejna bir-reċitattiv min-naħa tal-Baxx solo. F’battuta 52 nerġgħu niltaqgħu ma’ dik l-imbierka Do*b* illi konna ltqajna magħha fil-bidu nett. Fit-tieni parti l-folja tinqaleb kompletament, minn waħda omofinika għall-waħda kważi polifonika, mal-miġja tal-kor tat-tfal, bil-kwartin u l-kurunetti primi jdoqqu l-istess melodija magħhom, u bil-flawt jingħaqad magħhom aktar tard. Dawn huma akkumpanjati bil-kromi arpeġġjati min-naħa tal-klarinetti kollha, filwaqt li l-ewfonji, u l-baxxi ottava taħthom, jinsġu kuntrapunt ħafif, megħjunin wkoll mis-sassofoni alti u baritni. Il-korni, bħas-soltu, flimkien mal-althorns sekondi, huma fdati bin-noti twal. Il-qniepen ukoll jagħtu sehemhom billi jimxu mal-melodija bid-daqq tal-minimi, fejn leħinhom jitħallat mal-kant smewwi tat-tfal. U l-uniku strumenti li jibqgħu siekta hawnhekk huma il-kurunetti sekondi, l-althorns primi, it-trumbuni, u l-perkussjoni (Eż. 4):

Ez. 4




F’taqsima C insibu kważi l-istess xena, għallanqas f’b. 65-72, li jikkostitwixxu t-tieni parti tas-sentenza. Iżda minflok il-kor tat-tfal, jerġa’ jidħol il-Baxx solo, akkumpanjat mill-althorns primi fl-unisonu u mill-baxxi ottava taħtu. U filwaqt li l-klarinetti sekondi u terzi jkomplu għaddejjin bl-istess kromi arpeġġjati tagħhom, il-primi, flimkien mal-flawt u l-kwartin, joħolqu kontromelodija movimentata. U bħallikieku dan mhux biżżejjed, il-kurunetti primi u sekondi wkoll jagħtu sehemhom bid-daqq fanfarrest tagħhom, u bit-trumbuni jwieġbu lura. Sadattant, is-sassofonu alto, l-ewfonju, u l-perkussjoni jibqgħu siekta (Eż. 5):

Ez. 5




Taqsima C tkompli b'passaġġ strumentali tassew interessanti, fejn fl-ewwel sentenza (b. $072^{4}$-$80^{3}$) għandna solo fuq il-kurunetta, akkumpanjat bl-istess melodija mill-qniepen. Iżda għal dawn tal-aħħar, dal-passaġġ mhu xejn ħafif, u wieħed irid jistudjah sewwa qabel ma jdoqqu. Is-solo hu akkumpanjat minn ftit strumenti, kemm kemm iżommu l-armonija għaddejja. Fit-tieni sentenza mbagħad (b. $080^{4}$-$88^{3}$), terġa' l-istess melodija mdaqqa *tutti*, u magħha jiżdied ukoll ir-ritmu tal-katuba u t-tanbur, flimkien ma' tliet korni u tliet trumbuni.

F'taqsima D jerġa' jirritorna l-Baxx bir-reċitattiv (b. 089-90 u b. 93-4), imbejjen b'xi akkordji fuq ir-ram baxx (b. 091-2 u 095-6), bl-ewfonji diviżi f'erbgħa. Il-passaġġ l-ieħor fejn jidħol il-kor tat-tfal (b. 097-105) hu l-istess wieħed bħal f'b. 056-63. L-aħħar tliet battuti ta' dit-taqsima jiffurmaw koda qasira (Eż. 6):

Ez. 6






Pittura ta' Mro Antonio Miruzzi, l-awtur tal-innu solenni lis-Salvatur (Każin tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta)

L-ittra H (*Andante*) (b. 170-181): Dal-passaġġ episodiku qed fit-tonalità ta' Fa Maġġuri, u għandu temp ta' tliet semiminimi kull battuta. L-istess passaġġ hu mmarkat ukoll li jrid jindaqq bil-mod (*piano*) minn dawk involuti. It-12-il battuta jinqasmu f'żewġ frażijiet inegwali ta' tmien (Tenur) u erba' (Baxx) battuti rispettivament. Bejniethom joħolqu dik li aħna nsejħulha bħala sentenza estiża, fejn il-kant tal-Baxx xorta waħda jifforma parti integrali minnha.

Is-solo tat-Tenur (b. 170-7) jibda *in aria*[1], imsieħeb mill-klarinetti primi, ottava fuqu, filwaqt li l-bqija tal-klarinetti – hawnhekk diviżi f'sekondi u terzi – flimkien ma' tliet korni in Mi*b*, ewfonji u baxxi, jakkumpanjawhom b'ritmu stinat, imma fl-istess waqt ħafif u sempliċi. Dit-tip ta' ħjata mużikali toħloq bħal xibka omofinika, fejn il-melodija ewlenija tkun akkumpanjata biss minn akkordji li jlewnuha. Mill-ħames battuta 'l quddiem ukoll, jidħol il-kwartin, fir-reġistru l-baxx, biex ma jagħtix wisq fl-għajn. Fl-aħħar żewġ battuti wkoll, jiżdiedu l-kurunetti primi, f'mument fejn l-ewwel parti tas-sentenza tiġi fi tmiemha (Eż. 7):

[1] Mhux fuq l-ewwel taħbita tal-battuti, dik li aħna nsibuha bħala l-parti forti, jew qawwija.




Fl-eżempju t'hawn fuq, immarkajt kif inhi mibnija ritmikament dil-ewwel parti tas-sentenza, li fiha nnifisha tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew (b. $170^3$-$174^2$ + $174^3$-$178^2$), fejn 'a' hi magħmula minn żewġ ċelloli 'x' u 'y', b'din tal-aħħar ftit differenti minn ta' qabilha. Did-differenza qiegħda biss fl-ewwel parti taċ-ċellola, għax it-tnejn jispiċċaw b'par semiminimi. Izda, filwaqt li 'x', fil-bidu tagħha tikkontjeni kroma bil-punt + semikroma, 'y' tħaddan terzina tal-kromi. L-istess 'a' nerġgħu nsibuha f'żewġ pari battuti oħra tas-sentenza, kif indikajt fl-eżempju. Wieħed jinnota wkoll, li ċellola 'x' tintuża weħidha fl-ewwel nofs tat-tieni frażi, u li permezz tar-repetizzjoni, f'forma ta' sekwenza, jintlaħaq qofol; xi ħaġa li hi tant meħtieġa fl-istrutturar tas-sentenza.

F'dik li melodija, din tibda billi ddur fuqha nnifisha permezz ta' ċelloli 'x' u 'y', u mbagħad tibda titfettaħ, sa ma tmiss is-Sol ta' fuq, f'b. 177, biex imbagħad tinżel bilġri għan-nota li tkun bdiet biha (Do) fl-aħħar tas-sentenza. Inkwantu t'armonija, hawnhekk mhux se noqgħod nidħol f'wisq dettall, iżda ngħid biss li grazzi għaliha, il-melodija tissebbaħ bl-użu tan-nona (ir-Re f'b. 173), u ż-żewġ modulazzjonijiet żgħar kemm kemm tmiss magħhom fin-nofs tagħha (La Minore f'b. $174^3$-$175^2$ u Do Maġġuri f'b. $175^3$-$176^2$), dawk li aħna nsibuhom bħala tonalitajiet (jew kjavi) ġirien.

Niġu issa għat-tieni nofs, jew kumplament tas-sentenza (b. 178-181), fejn jidħol iwieġeb il-Baxx, b'sentenza in-nofs tal-oħra, u maqsuma f'żewġ frażijiet, li għall-kuntrajru tal-ewwel waħda, it-tnejn jibdew fuq il-parti forti (qawwija) tal-battuta. Kif ġa għidna, dil-parti tifforma parti integrali mal-oħra tat-Tenur, u wieħed għandu jeħodha bħala sentenza sħiħa bi 12-il battuta (Eż. 8):




Hawnhekk ukoll, ritmikament għandna sitwazzjoni fejn il-melodija tagħmel użu mill-istess ċellola, li wara kollox tixbah ħafna lix-'x' tal-eżempju ta' qablu, bid-differenza biss, li l-kroma bil-punt, u s-semikroma magħha, imxew għal fuq il-parti forti (jew qawwija), filwaqt li l-par semiminimi għal fuq il-bqija tal-parti debboli (jew dgħajfa). Wieħed jinnota wkoll, li l-istess ċellola 'x' tista' teqleb in-noti tagħha (erbgħa b'kollox) ta' taħt fuq, bil-waħda talterna mal-oħra (x1).

F'dik li hi strumentazzjoni mbagħad, il-Baxx ikanta fl-unisonu mal-althorns u l-ewfonji, u l-Baxxi ottava taħtu, u bil-korni u t-trumbuni jżommu nota twila bħala pedala. Il-kurunetti primi u sekondu jagħmlu l-istess, imma jqassmuha f'terzini tal-kromi. Magħhom jingħaqdu wkoll il-klarinetti sekondi u terzi. Huma biss il-klarinetti primi u l-kwartin li joħolqu bħal speċi ta' kontromelodija żgħira, f'reġistru mhux daqstant għoli. Tajjeb ngħidu hawn ukoll, li l-perkussjoni ma tidħol f'xejn f'dan kollu peress, kif diġà għidna, dal-passaġġ hu mmarkat li jrid jindaqq bil-mod (*piano*).

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Lijani fl-okkażjoni tal-festa titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu Salvatur fuq it-Tabor, solennement iċċelebrata f'Ħal Lija.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)